Kunsill Lokali
Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 36- L-Erbgħa 30 ta' Marzu 2022**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali Għajnsielem nhar l-Erbgħa 30 ta' Marzu 2022 fl-4:00 ta' wara nofsinhar.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużat** | Franco Ciangura | Viċi Sindku |

**36.1 Talba**

35.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

35.2.1 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**35.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

35.3.1 Inqrat l-ittra ta' skuża għal-laqgħa mill-Viċi Sindku Franco Ciangura.

## 36.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

36.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi fetaħ il-laqgħa billi ppropona li għandna nibgħatu ittri ta' awgurji lis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali Alison Zerafa Civelli, lill-Ministru għal Għawdex Clint Camilleri, lill-Ministru Anton Refalo u lill-Ministru Jo Etienne Abela kif ukoll lid-deputati eletti Għawdxin Alex Borg u Chris Said fejn ilkoll nawgurawlhom u flimkien naraw kif nistgħu naħdmu għal ġid t'Għajnsielem.

36.4.2 Is-Sindku rrefera għad-diversi laqgħat li attenda għalihom riċentament rigward iż-żjara tal-Papa li se sseħħ nhar is-Sibt li ġej 2 t'April. Huwa spjega kif il-papa mistenni li jasal Għawdex fil-Port tal-Imġarr għal ħabta tal-5pm u se jdum Għawdex għal ftit aktar minn siegħa. Is-Sindku spjega kif mil-lokalita' ta' Għajnsielem se jgħaddi minn triq l-Imgarr u qed jsiru diversi arranġamenti tat-traffiku minn Transport Malta. Huwa spjega kif saret ħidma kbira ta' tindif madwar Għawdex inkluż refreshing ta' sinjali u marki tat-traffiku. Is-Sindku spjega li f'Għajnsielem ser jitwaħħlu sitt arbli fir-roundabout ta' Chambray u erbgħa oħra fiż-żona tat-Torri li fuqhom ser jitpoġġew il-bnadar tal-papa u ta' Malta. Is-Sindku spjega wkoll kif il-banda ta' Għajnsielem, Banda San Gużepp, ser tkun hi li ser tagħti merħba lill-papa fil-Port tal-Imġarr. Is-Sindku spjega kif hija ħasra li l-Papa ser jkun fil-Pope mobile biss mir-Rabat sa' Ta' Pinu iżda d-direttivi tal-Vatikan ma ppermettewx dan minħabba sigurta' u limitazzjoni tla-ħin.

36.4.3 Is-Sindku Kevin Cauchi spjega kif wara li ġew ippreżentati l-affidavits tar-residenti ta' Triq il-Qigħan fl-appell tas-sheep farm (PAB 142\20 PA 5224/19) fid-29 t'Marzu, l-avukata li qed tippreżentana Dr Claire Bonello għamlet l-kontro-ezami tal-AAC u issa jmiss seduta oħra f'Ġunju għall-argumenti legali.

36.4.4 Is-Sindku rrefera wkoll għal-laqgħa li kellu mal-amministrazzjoni tal-Community Police nhar l-Erbgħa 16 ta' Marzu fejn matulha ġew diskussi kif sejra il-ħidma tal-Community Policing f'Għajnsielem. Huwa semma' li fil-laqgħa esprima s-sodisfazzjoni kbir tiegħu lejn il-ħidma mwettqa mill-Community Police stazzjonat f'Għajnsielem u wera x-xewqa li meta jkollna xi attivita' jiġu u jagħmlu promozzjoni ta' dan is-servizz. Il-Kunsill qabel li meta jkollna ħarġa tal-anzjani għandna nistednuhom sabiex jispjegaw lill-anzjani tagħna l-irwol tagħhom fil-komunita'.

36.4.5 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mac-CEO tal-WSC Ivan Falzon rigward il-possibilta' ta' New Water f'Ta' Bordin. Huwa spjega kif sfortunatament parti minn din it-triq ġiet miksija bis-cement riċentament minn fondi tal-Unjoni Ewropea u għalhekk qed jiġu diskussi soluzzjonijiet flimkien mal-Perit tagħna Edward Scerri sabiex tinstab mezz biex jitgħadda dan is-servizz mingħajr ma ssir ħsara lil din it-triq.

36.4.6 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal laqgħa li kellu mal-kapijiet tal-MCAST fejn fost l-oħrajn talbu għal żewġ parkeġġi riservati bħalma għandhom tal-iskola primarja. Waqt il-laqgħa ġiet diskussa wkoll aktar ħidma flimkien b'riżq il-kommunita bħal cleanup events u taħriġ tal-istudenti.

36.4.7 Is-Sindku rrefera wkoll għal-laqgha li kellu mal-Learning Hub fejn dawn talbu li nagħmlu cleanup event flimkien. Din ser issir nhar it-Tnejn 11 t' April filgħodu fejn ser jitnaddaf il-masġar ta' Chambray u dak ta' Lourdes. Is-Sindku spjega wkoll li tkellmu wkoll dwar il-possibilita' li it-tfal jerġgħu jaħdmu għalqa f'Ta' Passi u anke jqassmu flyers madwar il-lokalita' meta jkun meħtieġ. Il-Kunsill lest li jagħti sehmu u joffri dak kollu possibli sabiex it-tfal tal-Learning Hub jkunu aktar parti mis-socjeta' tagħna permezz ta' taħrig u xogħol volontarju addattat għalihom. Fil-fatt diġa kellna opportunita' fejn għinuna billi qassmu avviż dwar iż-żjara tal-Papa fid-djar t'Għajnsielem.

36.4.8 Is-Sindku rrefera għat-talba minghand Buzzy Kidz fejn talbuna l-uzu mill-Ġnien tal-Kunsill ġġall-attivita' f' Sibt il-

Għid sabiex itellgħu attivita' ta' Easter Egg Hunt. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li tittella' din l-attivita'.

36.4.9 Is-Sindku għamel referenza għal fatt li l-Għaqda Mużikali San Ġużepp qed tbiegħ statwi replika tal-Madonna ta' Loreto fuq pedestal għall-prezz ta' €250 il-waħda. Il-Kunsill qabel li għandu jixtri tnejn sabiex jingħataw bhala rigal jew tifkira f'xi okkażjoni jew żjara uffiċjali barra minn Malta.

36.4.10 Ġiet trattata t-talba mingħand l-FAA abiex il-Kunsill jkun parti minn Environmental Charter li jkun ta' harsien ghal ambjent taghna. Il-Kunsill qabel li għandu jistħarreġ ma' Kunsilli oħra jekk hux ser jaċċettaw li jissieħbu.

36.4.11 Is-Sindku rrefera għal diversi talbiet ta' ġenituri sabiex norganizzaw korsijiet edukattivi għall-uliedhom fix-xhur tas-sajf. Il-Kunsill laqa' din it-talba u sar qbil li ghandna naghmlu pjan ta' korsijiet nkluż dawk ta' crafts, fotografija u oħrajn.

36.4.12 Is-Sindku għamel referenza għas-suċċess miksub mill-Cleanup event li saret fil-5 ta' Marzu permezz tal-grupp ġdid li twaqqaf bl-isem 'Għajnsielem Tagħna' fi Triq Borg Għarib u Ta' Bordin u qed nippjanaw aktar ghal futur. L-attivita' ta' clean up li jmiss ser issir mal-Learning Hub fil-11 t' April.

36.4.13 Is-Sindku ħabbar ukoll bi pjaċir li ser jiżdiedu żewġ ħaddiema magħna assenjati mal-Community Workers Scheme. Dawn huma Laura Azzopardi bħala cleaner u Paul Rapa bhala handyman. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon din iż-żieda.

**36.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

36.5.1 Il-Kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex isir *patching* ta' tlett *potholes* fi Triq Cordina ħdejn il-hump.

36.5.2 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex inressqu t-talba biex jitpoġġew żewġ dustbins fejn ta' Tona Restaurant mal-garaxxijiet. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq din it-talba.

36.5.3 Il-kunsillier Stephen Mercieca propona li għandna norganizzaw weekend break f'Malta għall-pubbliku.

36.5.4 Il-kunsillier Stephen Mercieca propona li għall-vaganzi tal-Għid tiġi organizzata Sports Day .

36.5.5 Il-kunsillier Teddy Saliba talab sabiex isir patching fi Triq Baħħara.

36.5.6 Il-kunsillier Teddy Saliba propona li fis-sajf għandna norganizzaw kors dwar il-bini ta' presepju għat-tfal sabiex inrawmu l-imħabba lejn il-presepju. Sar qbil li ghandna ninkluduh mal-korsijiet tas-sajf.

**36.6 Korrispondenza**

36.6.1 Ġiet trattata t-talba mingħand is-sorijiet ta' Lourdes sabiex terġa teħel tabella li tindika id-direzzjoni ta' Triq Lordes u Forti Chambray fuq il-roundabout u wkoll talba għal mera fi'Triq Lourdes. Il-Kunsill qabel li għandu jipprocedi fuq dawn it-talbiet.

36.6.2 Ġiet trattata talba għal mera ma' arblu fi Triq Simirat kantuniera ma' Triq Wied Rgħajjes. Sar qbil li għandna naraw fejn l-aħjar li titwaħħal.

36.6.3 Ġie trattat ir-rapport ta' ħajt imwaqqa' wara l-latrina taż-Żewwieqa. Sar qbil li għandna nghaddu dan l-ilment lic-CMU.

36.6.4 Ġiet trattata t-talba għal double yellow lines fi Triq Sant'Antnin quddiem id-dar Nru.16. Sar qbil li għanda issir.

**36.7 Updates Proġetti**

36.7.1 **Pjazza Tolfa** - Is-Sindku spjega kif ix-xogholijiet dwar dan il-proġett mexjin ġmielhom u issa wkoll bdew jitħawlu is-sigar li huma sbieh hafna u unici. Huwa spjega kif qed nistennew li jinġab il-meter tal-ilma u nipprovaw nintroduċu l-kunċett li l-ġirien jieħdu ħsieb it-tisqija huma bħalma qed jiġri f'postijiet oħra pubbliċi. Is-Sindku rrefera wkoll għall-ħtiega urgenti ta' ko-ordinament ta' kif ser tinġab il-blata minn Tolfa.

36.7.2 **Playingfield Gudja** - Rigward dan il-progett is-Sindku avza li nbeda x-xoghol ta' eskavar u kostruzzjoni fuq dan il-progett. Huwa spjega wkoll kif tnaddaf it-terrapien ta' ġol-mina taht il-playingfield li kien qed jimblokka l-ilma tax-xita peress li l-mina kienet miżduda kollha. Bħali parti mill-proġett bdew jinbnew il-hitan tas-sejjieħ ġodda u qed jintlaqghu tajjeb ħafna. Is-Sindku spjega kif issa jmiss li jaghlaq it-tender tal-playingfield equipment fil-bidu ta' April biex ikun jista jsir ko-ordinament tax-xoghol aħjar.

36.7.3 **Hitan tas-Sejjieħ** - Is-Sindku rrefera għall-varazzjonijiet kbar li kellna fil-bini tal-ħitan kagunati minhabba l-pedamenti li kellna nsibu tul Triq il-Fugass. Il-perit ha ftit taż-żmien sabiex iċċertifika ix-xoghol kollu li sar s'issa. Ix-xoghol ghandu jitkompla fil-ġranet li jmiss. Is-Sindku Kevin Cauchi spjega kif kien hemm varjazzjoni kbira u b'hekk hux ser nilħqu nagħmlu l-metraġġ kollu mitlub.

36.7.4 **Librerija** - Is-Sindku spjega kif għall-proġett tal-librerija qed napplikaw għall-*Commencement notice, insurance, BCA clearance* u *work method statement* qabel jibda ix-xoghol li huwa ppjanat li jinbeda għal Ġunju li ġej hekk kif tintemm s-sena skolastika. Bħala funding ser nippruvaw napplikaw ukoll mid-Development Planning Fund tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

36.7.5 **Ta Bordin** - Is-Sindku rrefera b'sodisfazzjoni għax-xogħolijiet ta' Triq Ta' Bordin li ntemmu u ser naraw kif naghlqu l-kontijiet biex b'hekk inkunu nistgħu nagħlqu l-Miżura 4.3.

36.7.6 **Arkata** - Il-proċess tal-permezz miexi. Is-Sindku rrefera għall-fatt li l-applikazzjoni mad-Dipartiment tal-Artijiet ġiet approvata u l-Perit Edward Scerri beda il-proċess ta' applikazzjoni tal-permessi neċessarji mal-Awtorita' tal-Ippjanar.

36.7.7 **Playingfield Amabile Cauchi** - Is-Sindku spjega kif ghal dan il-proġett ukoll saret applikazjoni mal-Awtorita' tal-Artijiet u ġiet approvata, ntefa' l-permess tal-iżvilupp u mistenni joħroġ l-eżitu tiegħu f'Mejju. Is-Sindku spjega wkoll kif gejna mitluba sabiex nipprovdu *survey* tal-*war shelter* u dan billi kien sar fis-snin preċedenti tajniħ lil Perit sabiex jippreżentaha hu.

36.7.8 **Tisbieħ u urban greening quddiem l-iskola primarja** - Is-Sindku rrefera għall- applikazzjoni li ġiet sottomessa ma' Ambjent Malta għal funding tal-proġett tal-*Urban Greening Scheme* quddiem l-iskola primarja. Huwa rrefera wkoll għal-laqgħa li saret mal-Kap tal-Iskola Primarja fejn il-Perit Godwin Sultana kien preżenti flimkien mal-Principal tal-Edukazzjoni Sean Zammit. Il-proġett intlaqa' tajjeb ħafna u ġew diskussi xi kambjamenti żgħar fejn jikkonċernaw sigurta tat-tfal. Is-Sindku spjega kif eventwalment se jsiru laqgħat oħra dwar dan il-proġett mal-MCAST u Maltapost. Sadanittant il-Kunsill qabel li l-perit ghandu japplikaw għall-permessi kollha necessarji mal-Awtorita' tal-Ippjanar. L-istima għal dan il-proġett tammonta ghal madwar €85,000.

36.7.9 **Water Catchment u Urban Greening fil-Pjazza tad-Dehra** - Is-Sindku għamel referenza wkoll għall-applikazzjoni oħra li saret ma' Ambjent Malta għal istess skema tal-*Urban Greening Scheme* għal funding ta' water catchment fi Pjazza tad-Dehra. L-istima ta' dan il-proġett tiswa €360,000.

36.7.10 **Public Toilets** - Is-Sindku rrefera għal-proġett ta' rinovazzjoni tal-latrina pubblika fi Triq J F De Chambray. Is-Sindku spjega kif qed nistennew li tigi evalwata l-applikazzjoni li ssottomettejna għall-fondi ta' dan il-progett u kif qabbadna lil Galea Curmi qed jaghmlu l-pjanti tal-plumbing u eletriku. Ix-xogħol huwa ppjanat li jingħata bidu fix-xhur tas-sajf.

## 36.8 Ħatra Bord tal-Evalwazzjoni għall-Offerta tal-Playing Equipment ta' Għajnsielem Learning Garden

36.8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat kif l-offerta tal-Playing Equipment GHJN 1/2022 ser tagħlaq fit-12 t'April u għalhekk jinħtieġ li tiġi evalwata dritt wara. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jinħatar bord li jkun kompost mill-Perit Shawn Micallef, mis-Sur William Sultana, mill-Avukat Joshua Grech, mis-Sindku Kevin Cauchi u s-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber.

## 36.9 Skema CIES

36.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill li l-applikazzjoni għal *handyman* taħt din l-iskema ġiet approvata. Il-proċess li jmiss huwa li nistennew lista mingħand il-Jobplus sabiex eventwalment nagħmlu l- interview.

36.9.2 Il-Kunsill qabel li għandu jaħtar il-membri tal-Bord tal-Interview biex ikun jista jsejjaħ l-applikanti. Il-Kunsill qabel li l-Bord għandu jkun maħtur mill-kunsillier Teddy Saliba, is-Segretarja Lucienne Haber u s-Sur Noel Formosa.

## 36.10 Skema Percussion Exhibits

36.10.1 Is-Sindku Kevin Cauchi bi pjaċir ħabbar li l-applikazzjoni li ssottomettejna għall-Percussion Exhibits fl-Għajnsielem Learning Garden ġiet approvata. Minn din l-iskema l-Kunsill ser jibbenifika l-ammont ta' €5,000.

## 36.11 Proġett Amppa - Ċentru ta' Informazzjoni, Xatt Aħmar

36.11.1 Is-Sindku rrefera għall-proġett AMPPA u li minnu għandna allokata s-somma ta' €40,000 biex nagħmlu Ċentru ta' Informazzjoni. Sar qbil li għandna nifthemu mal-EcoGozo dwar il-bini taċ-Ċentru, possibilment taħt il-parkeġġ tad-divers u aħna nimlewh bl-apparat u l-għamara meħtieġa. Il-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lil professur Alan Deidun li huwa professjonist f'dan il-qasam biex jgħinna fil-proposti.

## 36.12 Change Request - Measure 4.4

36.12.1 Is-Sindku mill-ġdid irrefera ghall-varjazzjoni li nqalghu minn dan il-progett. Sar qbil li ghandhom isiru l-kalkoli kollha mehtiega, tintbgħat change request għall-użu tal-fondi li fadal u nergghu niddiskutuhom fil-laqgħa li jmiss.

## 36.13 Collective Agreement għas-Segretarji Eżekuttivi

36.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-Collective Agreement il-ġdid li ġie ffirmat u għal fatt li s-Segretarji ser jieħdu l-arrettrati b'effett mill-1 ta' Jannar 2020. L-arretrati ġew riflessi fl-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2022.

## 36.14 Festa tar-Roti

36.14.1 Is-Sindku rrefera għall-inizjattiva sabiex jiġi organizzat *show* tar-roti f'Għajnsielem fejn inkargi lill-għaqda RUST sabiex jagħmlu programm u jressqu l-prosposti lil Kunsill tar-roti.

36.14.2 Waqt il-laqgħa kien preżenti s-Sur Paul Zerafa mir-RUST li spjega eżatt kif jista jiġi organizzat dan il-Festival. Is-Sindku semma' l-importanza li jkunu inklużi taħlita ta' etajiet kollha mill-kbar saż-żgħar. Huwa spjega kif għandhom ippjanat show spettakolari minn *bikers* professjonali li titlaq minn fuq iz-zuntier, tinżel t-turġien kollha u tibqa sejra għal ġo Ta' Passi. Spjega wkoll li ser jinbdew *slopes* kemm għat-tfal żgħar kif ukoll għall-kbar u ser tintuża wkoll l-area tad-disco ta' taħt il-każin.

36.14.3 Huma lesti li jorganizzaw it-tlielaq u s-*shows* kollha u qed jitolbu lill-Kunsill sabiex jipprovdilhom l-injam għar-rampi. L-istima tal-injam mistennija tintelgħa għal madwar €3000.

36.14.4 Il-Kunsill ser jieħu ħsieb l-marketing, first aid team, traffic management, sound, risk assessment report u dak kollu neċċessarju sabiex l-attivita' tirnexxi. Sar qbil li għandna napplikaw mal-Cultural Funds għall-fondi għal din l-attivita'.

36.14.5 Il-Kunsill qabel li għandu jorganizza din l-attivita nhar is-Sibt 23 t'April 2022 bl-isem ta' FESTA ROTI GHAJNSIELEM u li tibqa tittella' kull sena.

## 36.15 Sigurta' f'Bethlehem f'Għajnsielem

36.15.1 Is-Sindku rrefera għall-ħtieġa urġenti ta' CCTV f'Ta' Passi peress li qed isir vandalizmu ta' spiss. Il-Kunsill qabel li għandna nigbru stimi u nipproċedu fuqhom.

## 36.16 Materji oħra

36.16.1 Għal laqgħa ġie mistieden l-iskultur Joe Xuereb fejn espona xempju tal- monument tal-ġemellaġġ ma' Loretu. Il-Kunsill iddiskuta l-qisien tal-ġebla u qabel li għandna mmexxu fuqhom. Il-Kunsill iddiskuta wkoll l-aħjar sit fejn dan il-monument jista jitpoġġa fi Pjazza 10 ta' Diċembru.

36.16.2 Sar qbil li għandna norganizzaw ħarġa għall-anzjani fl-okkazzjoni ta' Jum l-Omm.

## 36.17 Approvazzjoni tal-Pagamenti

36.17.1 Is-Segretarja preżentat skeda tal-Pagamenti u ġew approvati.

## 36.18 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

36.18.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:00pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 28 t'April 2022 fl-4:00pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**